**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju 2019**

Kawza Numru: 37/2017MS

Jason Gauci (K.I. 15980G) u Jessica Gauci (K.I. 198198M)

vs

Charles Galea (K.I. 47956G)

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-atturi pprezentat fid-9 ta' Ottubru 2017 fejn talbu lil dan it-Tribunal li jikundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' tlett elef seba' mija tlieta u sebghin euro (€3,773), kwantu ghal elfejn tlett mija u sebghin euro (€2,370) kera tal-armar mikri lilu, elf tlett mija u tmienja u sittin euro (1,368) armar ta' *scaffolding* u hamsa u tletin Euro (35) valur ta' fallakka miksura.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta' Ottubru 2017 fejn cahad it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; li ma kienx minnu li sar xi ftehim ta' kera fuq armar u fallakki u kien l-istess attur Jason Gauci li halla l-armar fuq il-post sabiex imur jahdem fuq post iehor.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi permezz ta' din it-talba ir-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' tlett elef seba' mija tlieta u sebghin euro (€3,773):

kwantu ghal elfejn tlett mija u sebghin euro (€2,370) kera tal-armar mikri lilu, kwantu ghal elf tlett mija u tmienja u sittin euro (1,368) armar ta' *scaffolding* u kwantu ghal hamsa u tletin Euro, valur ta' fallakka miksura.

Illi bejn l-attur Jason Gauci u l-konvenut Charles Galea kien hemm rapport kummercjali fejn l-attur bhala bennej ghamel xoghol ta' kostruzzjoni a beneficcju tal-konvenut. Ta' dan ix-xoghol l-attur thallas l-ammont ta' erbat elef Euro f'zewg partiti ta' elfejn. Il-fond fejn kien qed issir dan ix-xoghol kien s*howroom* fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, faccata tas-supermarket Ta' Dirjanu. Bhalma jigri f'dan it-tip ta' xoghol kien hemm in-necessita' illi jintuza l-armar li kien jikkonsisti fi *scaffolding* u fallakki. Irrizulta wkoll illi l-konvenut kien f'xi zmien fl-industrija ta' kostruzzjoni u kellu xi fallakki minn tieghu. L-attur ighid li l-konvenut ma kellux bizzejjed u offrielu li jgib fallakki minn tieghu (tal-attur) u li kienu ftehmu fuq rata ta' kiri ghall-uzu tal-i*scaffolding* u l-fallakki li kien ser igib l-attur. Fix-xhieda tieghu l-attur isemmi diversi cifri kemm ghall-*iscaffolding* kif ukoll ghall-fallakki u jsemmi wkoll ic-cifra ta' hamsa u tletin Euro bhala valur ta' fallakka li nkissret waqt il-lant tax-xoghol. Ikompli ighid illi wara illi lesta x-xoghol halla l-armar u l-fallakki fuq il-post sabiex ikompli juzahom il-konvenut peress illi kien ghad fadallu xi xoghol. Sadattant l-attur mar jahdem band'ohra. Wara xi zmien gie biex jiehu lura l-armar u l-fallakki u pprezenta kont lil konvenut fl-ammonti indikati fl-avviz li skond l-attur kienu dovuti ghal kiri tal-armar u l-fallaki. L-attur ighid li ma sarx ftehim bil-miktub u li kollox sar bil-fomm.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut jammetti illi l-attur ghamel xi xoghol fix-*showroom* tieghu fi Triq L-Imgarr. Beda fis-sulari ta' taht (il-*basement*) u malli gew ghal sulari ta' fuq ftehmu li l-attur kien ha jgib l-armar tal-i*scaffolding* ghal faccata. Il-konvenut jaqbel ukoll illi ma kienx hemm ftehim bil-miktub izda ta' dan ix-xoghol l-attur thallas erbat elef Euro. Jammetti li l-attur gab xi *scaffolding* u fallakki izda l-konvenut jinnega illi qatt sar xi ftehim ta' kiri ghal dawn l-attrezzi. Ighid biss illi f'xi zmien hu kecca lill-attur ghax *'qabbizielu'* u kompla x-xoghol wahdu. Ighid ukoll li darba minnhom l-attur gie ghandu biex ikejjel l-i*scaffolding.* Il-konvenut issorprenda ruhu u qallu *"x'gejt taghmel?"* Ighid ukoll illi l-attur talbu jiehu l-fallakki u l-konvenut ghenu biex jaghmel hekk.

Ikkunsidra

Illi hu rikonoxxut fil-gurisprudenza nostrana illi ftehim bil-fomm jorbot lill-partijiet li jkunu kkuntrattaw bejniethom. L-artikolu 1525 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ighid li kuntratt ta' kiri, sew ta' haga kemm ta' xoghol, jista' jsir sew bil-kitba kemm bil-fomm. Meta pero' tinqala'

vertenza u din tasal ghal quddiem Tribunal jew Qorti il-gudikant irid juza d-diskrezzjoni tieghu biex jara liema miz-zewg versjonijiet hija aktar kredibbli. Il-fatti illi taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

1. Illi l-konvenut qabbad lill-attur sabiex ighinu f'xi xoghol ta' kostruzzjoni ta' *showroom* li kien qed jibni fi Triq l-Imgarr.

2. Ta' dan ix-xoghol l-attur ircieva erba t'elef Euro.

3. Ghal xi raguni illi fuqha l-partijiet ma jaqblux l-attur telaq minn fuq il-lant tax-xoghol u halla warajh l-armar u l-attrezzi li kien qed juza a beneficcju tal-konvenut.

4. F'xi hin meta l-fallakki kienu fil-pussess tal-konvenut, inkissret wahda minnhom li l-attur jistma €35 li l-konvenut accetta r-responsabbilta' ghaliha.

Minn hawn il-quddiem il-partijiet jipprezentaw zewg versjonijiet kontrastanti. L-attur ighid illi kien sar ftehim ghal kiri tal-attrezzi. Il-konvenut jinnega dan. L-attur ighid illi telaq minn fuq il-lant tax-xoghol biex jahdem xoghol iehor ghal Kunsill Lokali u li l-konvenut talbu jhalli l-armar fuq il-post halli jkompli jahdem bih il-konvenut, waqt li dan tal-ahhar ighid illi kecca lill-attur u meta, wara xi zmien gie lura ghall-attrezzi ipprezentalu kont ghall-kiri taghhom liema kiri qatt ma kien miftiehem bejn il-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi dan il-kaz jitratta ftehim ta' appalt li sar bil-fomm. Iz-zewg partijiet taw verzjonijiet differenti. Ghalhekk is-soluzzjoni ghall-kwistjoni li ghandu quddiemu t-Tribunal tiddependi minn liema verzjoni jsib li ghandha l-iktar titwemmen u li hija l-aktar kredibbli.

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Xuereb vs Clement Gauci et deciza fl-24 ta' Marzu 2004,** inghad mill-Onorabbli Qorti tal-appell:

*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principju fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia deciza fl-24 ta' Novembru 1966,** l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet li:

*"huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni tal-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' in dubio pro re ……*

*Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kreddibilta' u specjalment dawn tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-propoderanza tal-provi, ghax dawn f'kawzi civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. u fil-kamp civili ghal dak li hu apprezament tal-provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemmen l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili ….."*

**Ikkunsidra**

Illi t-talba maghmula fl-avviz mill-atturi tirrigwarda tlett kapi differenti:

Kera tal-armar mikri lill-konvenut - €2,370

Armar ta' *scaffolding* - €1,368

Fallakka miksura - €35

Illi biex l-atturi ikollhom success fl-istanza tagghom jridu jipprovaw almenu fuq bazi ta' probabbilita' illi ghandhom ragun fuq dak li qeghdin jitlobu. L-atturi qed jistriehu fuq l-*affidavits* - kemm tal-attur Jason Gauci kif ukoll tal-mara tieghu, li tghid li kienet tghin lir-ragel taghha u kienet tkun taf l-affarijiet alavolja ma kienitx prezenti meta allegatament sar il-ftehim bil-fomm tal-attrezzi in kwistjoni. Zgur pero' illi xi forma ta' ftehim kien hemm peress illi sar xoghol min-naha tal-attur li tieghu thallas l-ammont ta' erbat elef Euro u dan minghajr ebda ftehim bil-miktub jew ircevuta.

*Avukat: "Ehe kien ghamillu x-xoghol u hallsu tieghu*

*Xhud: Iva*

*Avukat: Kien tah elfejn ewro u elfejn ewro.*

*Xhud: Iva dawk naf li thallas taghhom.*

*Avukat: Issa ircevuta taghhom tajthom bhala l-persuna li zzomm il-paperwork?*

*Xhud: Ircevuta le, m'ghamilniex ircevuta.*

*Avukat: Ma tajtux*

*Xhud: Le*

*Avukat: La tal-ewwel elfejn u lanqas tal-ahhar elfejn.*

*Xhud: Le tahomli cash, tahomna cash.*

*Avukat: U ircevuta ma tajtux.*

*Xhud: Le*

(ara kontro-ezami tal-attrici Jessica Gauci - a fol 61 u 62).

Min-naha l-ohra l-allegazzjoni tal-konvenut illi kecca lill-attur ghax *qabbizielu* u li l-attur seta' jmur u jiehu l-attrezzi meta ried u ghogbu, ma tantx tinkwadra f'dawn ic-cirkostanzi meta tqis li l-attur hassu komdu bizzejjed illi jhalli l-propjeta' tieghu fil-pussess tal-konvenut ghal xhur shah. Iktar jaghmel sens il-versjoni tal-attur li telaq minn fuq ix-xoghol biex jahdem band'ohra u halla l-attrezzi fuq il-post ghall-uzu tal-konvenut fuq bazi ta' kirja. It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attrezzi damu fil-pussess tal-konvenut ghal almenu hames xhur u li dan ghamel uzu minnhom. Fuq dan, il-partijiet kollha qeghdin jaqblu.

F'dan l-istadju it-Tribunal ser jezamina c-cifri indikati fl-avviz u l-provi prodotti.

**Fallakka miksura - €35**

Illi jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet fuq ic-cifra ta' €35 - u cjoe'il-prezz ta' fallakka miksura. It-Tribunal huwa sodisfatt illi dan l-ammont huwa dovut u ghandu jithallas lill-attur.

**Kera tal-armar mikri lill-konvenut - €2,370**

Illi fl-avviz l-atturi jirriferu ghac-cifra ta' €2,370 bhala kera tal-armar mikri lill-konvenut.

Illi fil-kont esebit a fol 4 (Dok A) u anke fl-affidavit tal-attur dan l-ammont mhuwiex indikat bhala €2,370 izda huwa indikat bhala €450 kera tal-armar u €1,920 - armar ta’ 18 il fallakka u 6 travetti bil-€4.00 kull wahda fil-gimgha ghal 5 xhur. Fil-fatt dawn iz-zewg cifri flimkien jammontaw ghal €2,370.

Illi fix-xhieda taghhom kemm l-attur kif ukoll l-attrici ighidu illi l-ammont ta’ erba mija u hamsin Euro indikat fil-kont esebit a fol 4 (Dok A) tnizzel bhala kera, mentri fil-fatt dan kellu jigi indikat bhala telf ta’ flus/ xoghol li l-attur sofra sabiex jirranga l-hadid mghawweg. Apparti l-fatt illi dawn l-izbalji ma tantx ighinu lill-atturi fl-istanza taghhom, t-Tribunal ihoss illi c-cifra ta' €450.00 ma gietx bl-ebda mod ippruvata u ssemmiet biss ir-raguni vaga ta’ telf ta’ xoghol minghajr ebda korroborrazjoni ta’ dan it-telf jew ta' dan ix-xoghol. Ghalhekk dan l-ammont zgur mhux ser jigi kkunsidrat mit-Tribunal.

Jibqa’ ghalhekk ic-cifra ta’ €1,920. L-attur ighid illi dina tirrifletti il-kera ta’ 18 - il fallakka u sitt travetti ghal hames xhur uzu bil-prezz ta’ erba Euro fil-gimgha, u cjoe’ 18 + 6 = 24 (fallakki) X 20 (gimghat) x 4 euro (prezz) = €1,920. Min-naha l-ohra l-mara tieghu issemmi din ic-cifra ta’ €1,920 bhala kera tal-armar minghajr ma taghti spjegazzjoni taghha. It-Tribunal jinnota ukoll illi fl-affidavit tieghu l-attur ighid illi l-fallakki kien jikrihom b’erba’ Euro kull fallakka fil-gimgha u ma jsemmi xejn dwar it-traversi. Ghalhekk dan it-Tribunal sejjer biss jikkalkula l-ammont dovut ghall-fallakki u cjoe’ 18 x 4 x 20 = €1,440.

**Scaffolding**

Illi fl-affidavit tieghu, l-attur ighid li wara li tlesta x-xoghol li tieghu thallas erbat elef Euro, il l-konvenut gie bzonn *scaffolding* u ftehmu li l-attur jikrihulu bil-hames Euro kull metru, u li wara l-attur accetta li jikrihulu bil-4.50 kull metru.

*Hu gie bzonn scaffolding ghaliex scaffolding ma kellux, u kien ghidtlu li ghandi, u li nikrih bil-€5.00 kull metru. Hu talabni nnaqqaslu mill-prezz u jien accetajt li nikrihulu bl-€4.50 kull metru billi kien ser jghinni hu wkoll fix-xoghol li kellu jsir. (fol 23 - affidavit tal-attur).*

L-attrici Jessica Joan Gauci tghid illi meta l-attur kien jikri l-armar kien jaghtiha l-kejl u jghidilha kemm ikun bi hsiebu jikri l-armar. Hi imbaghad kienet tahdem is-somma u tohrog l-ammont dovut.

*Nispjega li l-kera tal-armar intela' ghal elf disa' mija u ghoxrin ewro. Ma' dan l-ammont irid jizdied il-valur tax-xoghol li ghamel Jason sabiex ghen fl-armar tieghu, liema ammont intela ghal elf tlett mija u tmienja u sittin ewro. (fol 25 - affidavit tal-attrici)*

Il-konvenut jinnega dan kompletament u ighid li qatt ma kkuntratta fuq kera tal-armar u di piu, li l-i*scaffolding* kien ghaddieh lura lill-attur qabel peress illi l-attur kien gie ghalih u hadu mal-ewwel wara li gie mkecci.

It-Tribunal isib illi hemm konflitt bejn id-dikjarazzjoni li ghamel l-attur u dik li ghamlet il-mara tieghu Jessica Joan Gauci (Fol 23 - Fol 26). Ghalkemm it-tnejn qeghdin jaqblu dwar ic-cifra €1,368 jaghtu spjegazzjoni differenti ghal provenjenza taghha. L-attur ighid illi ic-cifra ta' €1,368 kien l-armar tal-i*scaffolding* bil-kejl ta' 38 metru ghall-wisgha u tmien metri ghall-gholi bil-prezz ta' €4.50 kull metru, u cjoe' 38 x 8 x 4.50 = €1,368. Min-naha l-ohra il-mara tieghu Jessica Joan Gauci tghid illi din ic-cifra ta' €1,368 tirifletti "il-valur tax-xoghol li ghamel Jason sabiex ghen fl-armar tieghu" (fol 25).

Illi in vista tac-cahda tal-konvenut u peress illi lanqas l-atturi mhuma qeghdin jaqblu bejniethom dwar x'verament tirraprezenta ic-cifra ta' €1,368 din mhijiex ser tigi kunsidrata mit-Tribunal.

Illi ghalhekk minn dan kollu it-Tribunal jidhirlu illi l-atturi ippruvaw l-istanza taghhom fl-ammont ta' €1,475 (1440 + 35).

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' in parte t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elf erba' mija hamsa u sebghin Euro (€1,475). Bl-ispejjes illi ghandhom jitqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*